B 2325

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,965, 25 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 308 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Addiction Studies – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Addiction Studies – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2019 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Addiction Studies – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 108 tal-2019, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors għandu jinfirex f'mhux inqas minn tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fl-aħħar żewġ semestri tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta tar-riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji fi żmien indikat mill-Bord tal-Istudji."

Iż-Żieda tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 14 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

14. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors."